**36. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

BILLI bl-artikolu 21 tal-Att tal-1949 dwar id-Djar l-imsemmi Att kien limitat biex jispiċċa fit-12 ta' Frar 1951, sentejn wara li ġie mgħoddi, kemm-il darba ma jitkompliex fis-seħħ skond dak l-artikolu;

U BILLI l-imsemmi Att tkompla fis-seħħ sat-12 ta' Frar, 1977;

U BILLI hemm maħsub f'dak 1-Artikolu illi jekk tgħaddi Riżoluzzjoni mill-Kamra tad-Deputati illi l-imsemmi Att għandu jitkompla fis-seħħ għal żmien ieħor li ma jkunx aktar minn tliet snin miż-żmien li fih kieku jispicca, dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż- żmien ieħor;

U BILLI huwa xieraq fl-interess pubbliku illi dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin;

ISSA, GĦALHEKK jiġi riżolut, u qiegħed b'dan jiġi riżolut, illi l-Att tal-1949 dwar id-Djar għandu jkompi fis-seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin sat-12 ta' Frar, 1980.

26.01.1977